MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 760/2003

**A B**
**vs**
**C sive D B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-kontendenti izzewgu fl-ghoxrin ta' Dicembru, elf disa' mija u sebgha u sebghin (20.12.1977) fil-Knisja ta' Birzebbuga (Dok A) u mill-liema zwieg twieldu tlett ulied, ossia E, F, u G, llum kollha maggorenni;

Premess illi l-konvenuta irrendiet ruhha hatja fil-konfront ta' l-attur zewgha ta' eccessi, minacci, sevizzji u ingurji gravi b' mod li rrendiet impossibli l-hajja konjugali bejniethom;

Premess illi inoltre l-konvenuta irrendiet ruhha hatja ta' adulterju, kif ghandu jirrizulta ahjar mill-gbir tal-provi;

Premess illi l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet hija mpossibli minhabba inkompatibilita' ta' karattru bejn il-kontendenti;

Premess illi l-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali ad mensa et thoro, skond digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, digriet numru 1326/2001 hawn anness u mmarkat bhala Dok B;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ad mensa et thoro bejn il-partijiet minhabba eccessi, sevizzi, minacci u ingurji gravi li l-imsemmi C sive D B ikkommettiet kontra zewgha u/jew minhabba inkompatibilita' ta' karattru bejn il-kontendenti u/jew minhabba adulterju kommess mill-konvenuta;

2. Tiddikjara illi a tenur ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-konvenuta tilfet, il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 633A 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili kif ukoll dak kollu li kisbet mill-attur b' donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu kif ukoll il-jedd li iggieghel lill-attur, f' kull kaz li jaghtiha l-manteniment bis-sahha ta' l-obbligu li jitnissel miz-zwieg;

3. Taghti lill-attur d-dritt illi jibqa' jabita fid-dar matrimonjali 36, Triq Sant' Ubaldesca Street, Paola ad eskluzjoni tal-konvenuta;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti;

5. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f' zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali b' tali mod li, jekk ikun il-kaz, il-konvenuta titlef kull jedd li ghandha

ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta’ l-attur u dan minn data li tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenuta tat lok li ssir din is-separazzjoni;

6. Tassenja z-zewg porzjonijiet, wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta bin-nomina okkorrendo ta’ perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta’ qasma, u nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk quddiem is-Sekond’ Awla u tal-mandati kawtelatorji ta’ sekwestru u deskrizzjoni li qed jigu prezentati kontestwalment ma’ din il-kawza, kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta sabiex tidher in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi hija taqbel li dina l-Onorabbli Qorti tippronuncja s-separazzjoni personali ta’ bejn il-kontendenti, b’ dana illi z-zwieg ta’ bejn il-konjugi B tfarrak minhabba sevizzi, eccessi, minacci, u ingurji gravi da parti ta’ l-attur li inoltre kkommetta adulterju billi telaq mid-dar matrimonjali u mar jirrisjedi ma’ mara ohra u b’ hekk ghandu jinstab hati anke li kkommetta abbandun.

2. Illi t-tieni talba tal-attur ghandha tigi michuda u se mai d-disposizzjonijiet tal-art 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom japplikaw fl-intier taghhom kontra l-attur.

3. Illi l-eccipjenti hija dizokkupata, trabbi l-familja hi, u ghalhekk l-attur ghandu jigi kkundannat ihallas manteniment ghal konvenuta u wliedu.

4. Illi t-tielet talba tal-attur ghandha wkoll tigi michuda u dana peress illi kien l-attur li abbanduna d-dar matrimonjali u dana sabiex imur jghix ma’ nisa ohra. Illi ghalhekk issa wara dan kollu l-attur ma jistax jippretendi li huwa jerga’ jmur lura fid-dar matrimonjali li ghandha tibqa’ abitata b’ mod esklussiv mill-mara u l-ulied.

5. Illi l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi likwidata b' mod li jigi rifless illi z-zwieg tkisser minhabba htijiet imputabbli lill-attur kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.

6. Illi l-attur mhux l-ewwel darba li kien vjolenti fil-konfront ta' l-eccipjenti u uliedu.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavids prezentati;

Rat ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju l-Avukatessa Dottor Irene Bonello;

Rat ir-rikors prezentat mill-attur fit-3 ta' Mejju 2006 li permezz tieghu talab l-applikazzjoni ta' l-artikolu 62[2] tal-Kap.16;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma' martu l-konvenuta ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 imputabbli lill-istess konvenuta; kif ukoll sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha taghha l-konvenuta tattribwixxi l-htija ghas-separazzjoni lill-attur zewgha fit-termini ta' l-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap. precitat.

**Separazzjoni Personali**
Illi l-partijiet izzewwgu fl-20 ta' Dicembru 1977 u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett-it tfal llum maggjorenni. Ghal habta tas-sena 1998 beda l-inkwiet matrimonjali bejn il-partijiet li wassal ghas-separazzjoni de facto billi, filwaqt li l-attur spicca jghix barra mid-dar konjugali, il-konvenuta f' dak iz-zmien baqghet tghix hemm ma' uliedhom.

*Verzjoni attur*
Illi l-attur jghid li okkazzjoni minnhom meta huwa rritorna lura d-dar sab is-serratura mibdula bir-rizultat li ma setghax jidhol fid-dar matrimonjali, u minn hemm beda jinqala' l-inkwiet ma' martu u mat-tlett-it tfal tieghu li skond hu skjeraw ruhhom mal-konvenuta peress li gew mghawwiha minnha kontra tieghu. Konsegwenzjalment segwew diversi ncidenti li fihom ukoll intuzat il-vjolenza meta l-attur ittanta jerga' jidhol fid-dar matrimonjali, ukoll peress li skond hu, il-konvenuta m' ghadhiex tabita hemmhekk. L-attur, jichad li telaq mid-dar matrimonjali biex imur jghix ma' mara ohra, identifikata b' isimha mill-konvenuta u uliedhom; u inoltre jakkuza lil martu b' relazzjoni adulterjuza ma' persuna ta' nazzjonalita' Gharbija li skond hu gieghli raqad fid-dar matrimonjali. Huwa qed jitlob, inter alia, li din il-Qorti tawtorizzah jabita fid-dar matrimonjali ad eskluzzjoni ta' martu.

*Verzjoni konvenuta*
Il-konvenuta tghid li ghal habta tas-sena 1998, wara li hi saret taf li zewgha kien qed jiffrekwenta mara ohra identifikata b' isimha, XY, nqala' l-inkwiet matrimonjali bejniethom bir-rizultat li lejll minnhom ghal habta tas-2.00 am l-attur hareg mid-dar matrimonjali u abbanduna lill-konvenut u lit-tlett uliedhom li kienu jghixu maghhom. Sentejn wara, il-konvenuta, li sfat wahdeda, bdiet relazzjoni adulteruza ma' ragel Gharbi wkoll identifikat b' ismu, u fix-xhieda taghha stqarret li dan kien il-habib taghha u wkoll kellha relazzjonijiet sesswal mieghu. Hija tafferma li kienet dahlet f' din ir-relazzjoni sentejn wara li l-attur kien telaq mid-dar konjugali u abbandunahom biex mar jghix ma' mara ohra fil-Pieta'

Wara perijodu ta' circa erba' snin, tfacca l-attur quddiem id-dar matrimonjali u dahal hemm bil-forza, u sussegwenetement segwew incidenti ohra ta' vjolenza meta l-attur ipprova jidhol fil-fond matrimonjali fil-forza.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi z-zewg partijiet jghatu versjoni kontrastanti tal-kawza tas-separazzjoni; u din il-Qorti qed tibbaza l-gudizzju taghha dwar liema versjoni tikkunsidra l-aktar kredibbli, kemm fuq il-preponderanza tax-xhieda, il-fatt li l-istess xhieda kienu nvoluti direttament konsegwenza tal-inkwiet matrimonjali, kif ukoll, u b' aktar qawwa fuq dak li huwa probabbli u l-aktar verosimili fic-cirkostanzi.

Il-Qorti tosserva li, filwaqt li mill-fatti kif esposti mill-attur ma tohrogx cara l-vera raguni ghaliex huwa ssakkar barra mid-dar konjugali; minn naha l-ohra, il-konvenuta taghti versjoni aktar dettaljata u cara ta' verament x' wassal ghas-separazzjoni personali u ghas-sitwazzjoni tal-partijiet prevalenti llum; u l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tati affidament lill-versjoni tal-konvenuta, konfortata minn uliedhom, u li hi aktar probabbli u verosmili.

Jigi osservat li, ghalkemm il-konvenuta ammettiet ir-relazzjoni adulterjuza taghha ma' terz, sostniet li din sehhet konsegwenza ta' l-abbandun u r-relazzjoni extra maritali da parti ta' l-attur; dan minn naha tieghu nnega li huwa kellu relazzjoni extra matrimonjali u ddikjara li lil XY lanqas biss jafha. Mill-banda l-ohra pero' ma semma xejn dwar l-ittra datata 15 ta' Jannar 1997[1] esebita mill-konvenuti u li tikkostitwixxi element ta' prova b' valur probatorju qawwi dwar ir-relazzjoni extra matrimonjali tieghu. Inoltre, ix-xhieda ta' uliedhom, ma thalli ebda dubju f' mohh din il-Qorti, li l-attur kellu relazzjoni ma mara ohra meta kien ghadu jghix fid-dar matrimonjali, u li din kienet il-kawza princiapli ghar-rottura tal-konvivenza matrimonjali bejniethom.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li f' dan il-kaz jirrizulta manifest li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremidjabbilment, principalment kawza ta' l-adulterju ta' l-attur, u sekondarjament kawza ta' l-adulterju tal-konvenuta, liema fatturi ghandhom jimportaw l-applikazzjoni fl-intier tieghu ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16 fil-konfront taz-zewg partijiet.

---

[1] Dok.MMS1

**Komunjoni ta' l-akkwisti**

Illi l-assi aappartenenti lill-komunjoni ta l-akkwisti jikkonsistu fis-segwenti:
[1] L-inkwilinat tad-dar matrimonjali fond numru 35 Triq St.Ubaldesca, Paola;
[2] Ghamara u effetti mobbli fl-imsemmi fond;
[3] Vetturi u ingenji ohra;
[4] Deheb;
[5] Depoziti bankarji;
[6] Dejn

*Inkwilinat tad-dar Matrimonjali*

Illi mill-provi jirrizulta li l-fond kien inkera lill-partijiet minn missier l-attur, wara z-zwieg taghhom, u in sostenn ta' dan il-konvenuta prezentat kopja tal-ktieb tal-kera li jirrisali ghall-1 ta' Jannar 1978 sal-31 ta' Dicembru 2002. Dawn id-dokumenti gew prezentati mill-konvenuta fis-seduta peritali tat-18 ta' Novembru 2004[2].

In propositu l-provi huma skarsi, u l-Qorti, tenut kont tad-dokumenti prezentati mill-konvenuti, li ma gewx konfutati bi provi li juru l-kuntrarju, hija tal-fehema li l-kirja tal-post, anke jekk fuq isem l-attur saret matul iz-zwieg u konsegwentement tidhol fil-komunjoni ta' l-akkwisti.

Inoltre l-kera daret fuq il-konvenuta mill-1 ta' Jannar 2000 u baqghet tithallas sat-12 ta' Dicembru 2002. Jigi osservat li, il-fatt li l-ahhar ricevuta prezentata mill-konvenuta fis-sena 2004 tkopri l-perijodu sa l-ahhar tas-sena 2002, dan il-fatt jissufraga t-tesi ta' l-attur li dina illum m' ghadhiex tabita fil-fond konjugali.

Illi fic-cirkostanzi, tenut kont li llum hadd mill-partijiet ma joqghod fl-imsemmi fond, u li l-fond huwa ta' missier l-attur, kif ukoll tal-fatt, u b' izjed qawwa, li llum il-gurnata l-konvenuta wkoll qeda f' relazzjoni adulteruza, il-Qorti tikkunsidera gust li tassenja l-inkwilinat dan il-faond lill-attur; u ghalhekk tordna li dan jigi assenjat lill-attur bid-dritt li jghix, u li dan il-fond ma jibqax jitqies aktar bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet.

---

[2] Dok.EG1 – fol.385 *et seq.*

*Ghamara*
Illi anke il-provi in propositu huma skarsi, u l-partijiet jghatu versjonijiet kuntrastanti f' dan ir-rigward, ghax, filwaqt li l-attur isostni li l-ghamara fid-dar matrimonjali saret waqt iz-zwieg, ghajr ghas-salott u l-kamra tas-sodda li huma parafernali tal-konvenuta; il-konvenuta minn naha taghha ssostni fix-xhieda taghha li qabel iz-zwieg "jien mlejt id-dar bl-ghamara". Il-Qorti, in difett ta' provi cari, tikkunsidera li l-ghamara u l-effetti mobili ezistenti fil-fond 36 St.Ubaldesca Street, Pawla jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, salv naturalment il-kamra tas-sodda u s-salott.

Tordna li dawn l-effetti elenkati fil-mandat ta' deskrizzjoni numru 1254/03 jinqassmu bejn il-partijiet fi kwoti wgwali, u fin-nuqqas ta' ftehim tinnomina lill-istimatur Peter Bonello biex, a spejjez taz-zewg partijiet, jghamel stima taghhom, u tordna li jinbighu bis-subbasta fi zmien sena millum; filwaqt li l-imsemmija kamra tas-sodda u s-salott jigu assenjati lill-konvenuta bhala beni parafernali taghha.

*Vetturi u Ingenji ohra*
Illi anke in propositu l-provi huma skarsi, u jirrizulta mhux kontestat li hemm zewg vetturi Opel Corsa Swing FAS 445, u Escort BBI 283, kif ukoll, skond l-attur zewg trukkijiet "li llum huma tajbin biss ghall-iskrap u ma jiffunzjonawx". Jirrizulta wkoll li hemm speedboat.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti tassenja fl-intier taghha l-vettura Opel FAS 445 lill-konvenuta, filwaqt li l-vettura Escort tigi assenjata fl-intier taghha lill-attur flimkien maz-zewg trukkijiet imsemmija minnu.

L-ispeedboat ghandu tigi assenjata lill-attur li minn naha tieghu ghandu jghati lill-konvenuta s-somma ta' elf u hames mitt lira maltin [Lm1500] rapprezentanti il-valur ta' sehemha, stabbilit arbitrio boni viri, minn din id-dghajsa.

*Deheb*

Illi f' dan ir-rigward jirrizulta mhux kontestat li fil-komunjoni hemm "diversi oggett tad-deheb li jinsabu ghand il-mara, stamti li jiswew izjed minn Lm1,000"[3]

Fic-cirkostanzi l-Qorti tassenja sehem l-attur ta' dawn l-oggetti lill-konvenuta, anke sabiex jghamel tajjeb ghaz-zewg trukkijiet li gew assenjati lill-attur. Inoltre hemm il-konsiderazzjoni li l-attur ghandu l-htija primarja tas-separazzjoni.

*Depoziti bankarji*
Illi f' dan ir-rigward il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li matul is-separazzjoni de facto iz-zewg partijiet ghamlu diversi transazzjonijiet bankarji fuq isimhom; fic-cirkostanzi taqbel mal-konkluzjoni raggunta mill-perit legali in propositu u taddottaha, u ghalhekk tordna li d-deposizti bankarji indikati fir-relazzjoni tal-perit legali [fil-pagni 24, 25,27, 28 u u] li ghad hemm fuq isem il-partijiet individwalment jigu assenjati lil dik il-parti. Del resto il-Qorti tosserva li hadd mill-partijiet ma prezenta nota ta' kritika f' dan ir-rigward.

*Dejn*
Tordna li d-dejn ezistenti mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, u kull dejn iehor li setgha sar, ad insaputa tal-konvenuta, kif ukoll id-dejn tal-komunjoni [circa Lm1,100] li sar qabel is-sena 1998; dawn id-djun ghandhom jgu sopportati esklussivament mill-attur, tenut kont ukoll tal-fatt li d-dritt ta' l-inkwilinat tal-fond 36 Ubaldesca Street, Paola gie assenjat lilu.

Rigward l-pretensjoni ta' l-attur rigwardanti s-somma ta' Lm13,000 li kien wiret, u li l-konvenuta ssostni li l-attur zamm ghalih, il-Qorti taqbel mal-perit legali li ma jirriuzltax provat li dawn il-flus kienu fil-fatt ntuzaw fl-interess tal-komunjoni ta' l-akkwisti; u ghalhekk ma jirrizultax li jikkostitwixxi kreditu tal-komunjoni. Ghaldaqstant l-pretensjoni ta' l-attur f' dan ir-rigward mhijiex gustifikata mill-provi.

---

[3] Nota attur – fol.23 *et seq.*

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba tis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tat-tnejn;

[2] tilqa' t-tieni talba fis-sens li tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispost ta' l-artikolu 48[1] tal-Ka.16 fl-intier tieghu;

[3] tilqa' it-tielet talba;

[4] tilqa' ir-raba, il-hames u s-sitt talba u tordna, b' effett millum, ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u tordna li din tigi assenjata, flimkien mal-proprjeta' parafernali tal-konvenuta, kif fuq spjegat fis-sezzjoni intestata "Komunjoni ta' l-akkwisti"; u tinnomina lin-Nutar Dottor Joseph Tabone sabiex jircevi l-att opportun fl-edifizju tal-Qorti fi zmien tlett xhur millum f' jum u hin minnu fissat, u tinnomina lill-Avukatessa Dottor Nadia Vella sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci.

Tichad it-talba ta' l-attur maghmula fit-termini ta' l-artikolu 62[2] Kap.16 stante li ma jirrizultax provat ir-rekwizit tal-pregudizzju gravi.

L-ispejjez jigu sopportati bejn il-partijiet fi kwoti ta' terz [1/3] il-konvenuta, u r-rimanenti zewg terzi [2/3] jibqa' a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------